MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 37/2007

Kawza fil-lista: 54

**A maghrufa bhala A A B,**
**u C D u, stante li dan miet fil-mori,**
**giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju f' isem E F**
**ghan-nom ta' binha minuri G D**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, C B,**
**u H I nominata kuratrici ad litem**
**tal-minuri J B kjamat fil-kawa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremettew u talbu hekk :

1. Illi l-attrici A maghrufa bhala A A B kienet mizzewga lill-konvenut C B kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi l-attrici Rise maghrufa bhala A A B u zewgha C B prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u ilhom separati de facto sa minn qabel Awwissu tas-sena 2005.

3. Illi nhar it-13 ta' Novembru 2006 twieled it-tifel J maghruf bil-kunjom B, u billi twieled entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, gie registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Atti tat-Twelid tieghu, li jgib in-numru 3713/2006, bhala wild il-konvenut C B skond ma jidher mill-istess Att li qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. B.

4. Illi b' danakollu meta t-tifel J maghruf bil-kunjom B gie kkoncepit, l-attrici A maghrufa bhala A A B u zewgha l-konvenut C B kienu mifruda de facto u kienu qed jghixu f' zewg residenzi differenti wara illi z-zwieg taghhom kien sfaxxa rrimedjabilment sahansitra snin qabel;

5. Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebad rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-attrici A maghrufa bhala A A B u l-konvenut C B;

6. Illi ghalhekk il-konvenut C B ma jistax ikun missier il-minuri J, peress illi hu u l-attrici ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tat-tifel, u ghalhekk il-konvenut kien effettivament fl-impissibilita' fizika li jghammar ma' l-attrici A maghrufa bhala A A B minhabba li kien boghod minnha;

7. Illi effettivament, missier il-minuri J huwa l-attur C D, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess J gie kkoncepit, l-atturi, ghalkemm mhux mizzewgin bejniethom, kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sallum;

8. Illi l-atturi qeghdin minn issa ddikjaraw id-disponibilita' taghhom ghal kwalsiasi testijiet u provi

genetici u xjentifici rikjesti mill-Ligi u minn dina l-Onrabbli Qorti;

9. Illi skond DNA Paternity Test Report maghmul minn MLSBioDNA Limited, liema test qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. C, irrizulta illi l-attur C D huwa l-missier bijologiku tat-tifel minuri J;

10. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-atturi.

11. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:
(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri J maghruf bil-kunjom B, huwa effettivament ulied l-attur C D u mhux ulied il-konvenut C B, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 3713/2006;

(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru 3713/2006 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri.

Ghaldaqstant l-atturi, in vista ta' dan kollu fuq premess, u previa kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur C D huwa l-missier naturali tal-minuri J maghruf bil-kunjom B, u mhux il-konvenut C B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid tal-minuri J (numru 3713/2006) prezentement maghruf bil-kunjom B:

(a) jissostitwixxi l-kunjom 'B' fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' bil-kunjom 'D';

(b) jissostitwixxi l-isem 'C B' fil-kolonna 'isem u kunjom missier it-tarbija' bl-isem 'C D';

(c) jissostitwixxi n-numru tal-karta ta' l-identita' '0218272M', relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna 'id-dokument ta' l-identita'' bin-numru '75373M';

(d) jissostitwixxi in-numru '34' fil-kolonna 'eta'' u dan dejjem b' referenza ghall-missier tal-minuri, bin-numru '33';

(e) jissostitwixxi l-post 'Birzebbuga' fil-kolonna 'fejn joqghodu', in kwantu jirrigwarda l-intestata 'missier it-tarbija' bil-post 'Zabbar';

(f) jissostitwixxi l-isem 'Alfred B (dead)' fil-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet', b' referenza ghall-intestata 'missier it-tarbija' bl-isem 'Rosario D (dead)';

(g) ihassar il-kliem "the said" mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta' l-omm, l-attrici A maghrufa bhala A A B.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi l-intimat C B u r-rikorrenti stess A sive A A B;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrent C D jispecifika l-post tat-twelid sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dan id-dettal ikunu jista' jigi nserit fl-Att;

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta H I nomine li biha rrispondiet :

1. Illi l-esponenti hija konsapevoli tal-fatti kif dikjarati mill-atturi u taqbel mat-talbiet attrici ;

2. Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet attrici u tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li biha rrisponda li :

1. Illi huwa jaqbel illi huwa m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri J u ghadaqstant jaqbel illi ghandhom isiru korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri fis-sens illi jigu kancellati ismu u l-konnotati kollha tieghu minn dik il-parti ta’ l-att tat-twelid tieghu relattiva ghal missier it-tarbija.

2. Illi huwa m’ ghandhux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel J B, li twieled mill-attrici fit-13 ta’ Novembru 2006 u registrat bil-kunjom B fl-att tat-twelid numru 3713/2006, huwa l-wild

naturali ta' l-attur C D [illum mejjet[1]], u mhux tal-konvenut C B.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-attrici u l-konvenut C, konjugi B kienu sseparaw de facto fit-8 ta' Gunju 2005, u sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni stabbli ma' l-attur C D, u marret tikkonvivi mieghu ; u minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali twieled it-tifel J B.

Illi l-attrici tikkonferma li mill-imsemmija data hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' zewgha C B ; u wara din id-data, kellha relazzjonijiet intimi ma' C D biss, u ghalhekk huwa dan l-attur biss li jista' jkun il-missier naturali ta' l-imsemmi tifel. Hija tinsab konfortata f' din it-tezi mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jikkonfermaw lil C D bhala l-missier naturali tat-tifel J B.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk jimmeritaw li jigu miqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-attur C D, illum mejjet, kien il-missier naturali tat-tifel J B, u mhux il-konvenut C B ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3713/2006 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.80 - Certifikat tat-twelid – data tal-mewt 27 ta' Mejju 2007